# Kwadri Artistiċi fil-Knisja l-Qadima

## Il-Kwadru tal-Assunzjoni ta' Marija

*jikteb Vince Caruana*



Fl-aħħar żewġ ħarġiet ta' din l-edizzjoni tajna ħarsa lejn tnejn mill-erba' kwadri laterali li nsibu fil-Knisja l-Qadima – il-kwadru tat-Twelid tal-Madonna u dak tal-Kunċizzjoni rispettivament. Iż-żewġ kwadri l-oħra, li ukoll jittrattaw partijiet mill-ħajja tal-Madonna huma dawk tal-Assunzjoni u l-Annunzjazzjoni, kollha xogħolijiet imprezzabbli tal-magħruf pittur Malti Ġużeppi Calì. Ta' min isemmi li l-idea ta' dawn l-erba' kwadri laterali kienet tal-Kappillan Dun Franġisk Mizzi li dam imexxi l-paroċċa għal disgħa u tletin sena. Dawn il-kwadri twettqu fis-snin 1913 u 1914, eżattament bil-kwadri tal-Kunċizzjoni u l-Assunzjoni jitwettqu fis-sena 1913, filwaqt li dawk ta' l-Annunzjazzjoni u t-Twelid tal-Madonna jitlestew fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1914. B'kollox swew €168 (Lm72) u ħallsu għalihom is-sajjieda li kienu jaħdmu fuq id-dgħajjes tat-tartarun. Ġew imbierka mill-Kappillan Mizzi nnifsu bl-awtorizzazzjoni tal-Isqof Djoċesan.



### L-Assunzjoni

Qabel ma nidħlu fid-dettal fuq ix-xogħol artistiku ta' Calì fil-kwadru tiegħu tal-Assunta, huwa xieraq li wieħed jagħti ħarsa kif din it-tema tal-Assunzjoni ta' Marija żvolġiet matul iż-żminijiet sabiex saret tema popolari mal-artisti barranin kif ukoll dawk Maltin.

Għalkemm id-duttrina tal-Assunzjoni ta' Marija ġiet formalment definita bħala domma tal-fidi fis-sena 1950 mill-Papa Piju XII, l-Assunzjoni ta' Marija kienet diġà ssemmiet f'diversi Vanġeli Apokrifi bejn it-tieni u r-raba' seklu wara Kristu. Ma' dawn hemm wieħed aktarx tat-II seklu li huwa attribwit lil San Ġwann l-Evanġelista.

Fl-arti, l-Assunzjoni ta' Marija tifforma parti minn sekwenza ta' ġrajjiet li jibdew bil-mewt tagħha jew ir-raqda (Dormitio), f'diversi ġrajjiet oħrajn li jwasslu għall-Assunzjoni u l-Inkurunazzjoni. Din l-ikonografija kienet diġà fformulata fil-Punent sa mill-594 permezz ta' San Gregorju ta' Tours, filwaqt li fil-Lvant, din l-ikonografija ġiet formulata sas-seklu VII. F'affresk tad-IX seklu li nsibu f' San Clemente f'Ruma juri s-sekwenza tal-ġrajjiet li jwasslu għall-Assunzjoni ta' Marija. L-istorja tibda b'anġlu (ġieli bl-isem ta' Gabriel) li jwassal fergħa ta' palma mis-sema u jħabbar il-mewt lil Marija. L-ewwel jasal San Ġwann l-Evanġelista fid-dar tal-Madonna u mbagħad jaslu l-appostli l-oħrajn kollha biex jassistu għall-mewt tagħha. (F'xi verżjonijiet Tumas, li kien l-Indja ma jilħaqx jasal fil-ħin). Mal-mewt tagħha, ruħ Marija tittajjar fi ħdan binha Ġesù. Ġisimha jittieħed għad-difna. Hawnhekk ċertu Lhudi bl-isem ta' Jephonias jipprova jisraq il-ġisem, imma idejh jeħlu mat-tebut ta' Marija, sakemm jindem u San Pietru jeħilsu. Fit-tielet jum wara d-difna jidher l-arkanġlu S.Mikiel li jwassal il-ġisem ta' Marija fil-Ġenna. Ix-xena attwali tal-Assunzjoni ġieli turi lill-Madonna fuq sfond ta' spazju ovali, *mandorla*, qed tiġi mtellgħa 'l fuq mill-anġli, bħalma nsibu fil-Porta della Mandorla fid-Duomo ta' Firenze, xogħol l-artist Nani di Banco (1414-1421).

Fit-12 u t-13-il seklu nsibu diversi artisti li ittrattaw din it-tema f'diversi katidrali Franċizi dejjem f'serje ta' pitturi jew skulturi tal-ġrajjiet fiċ-ċiklu Marjan kif spjegat qabel. Waħda mill-aqwa serje ta' ġrajjiet impittra hija dik ta' Duccio, fil-famuża Maestà (1308-1311) fi Siena, fl-Opera del Duomo. Għalkemm biċċiet ewlenin tal-faċċata ntilfu maż-żminijiet, huwa mifhum li kien hemm żewġ xeni kbar fosthom dik tal-Assunzjoni.

Xogħolijiet famużi oħra tal-Assunzjoni huma l-pittura ta' Tiziano, fil-Knisja Franġiskana ta' Santa Marija Gloriosa dè Frari, f'Venezja (1516-1518) u dik ta' Annibale Carracci (1592) li llum tinsab ġewwa Bologna.

F'Malta l-interpretazzjoni ta' din it-tema ma naqsitx li tiġi ittrattata minn diversi artisti lokali bħal Mattia Preti (Ħal Luqa), Mikele Busuttil (Katidral, Victoria), Baskal Buhagiar (Mosta), Rokku Buhagiar (Ħal Tarxien), Alessio Buhagiar (Attard), Franġisku Zahra (Qormi) u Ġużeppi Calì' (Għajnsielem) fost oħrajn.

## Il-Kwadru tal-Assunzjoni

Meta nħarsu lejn il-kwadru tal-Assunta, li jinsab fuq in-naħħa tax-xellug tal-entratura prinċipali fost il-kwadri laterali fil-Knisja l-Qadima, naraw li Calì mexa mal-ikonografija tipika tal-Assunzjoni ta' Marija fis-sema, ix-xena attwali meta ġiet imtellgħa fil-glorja tal-ġenna bir-ruħ u bil-ġisem. Il-kwadru tal-Assunta li huwa impitter biż-żejt fuq it-tila, huwa ddominat mill-Verġni Marija fiċ-ċentru, b'ħarsitha 'l fuq u b'idejha miftuħa f'ġest tradizzjonali ta' tifħir lejn Dak li għoġbu jagħmel magħha ħwejjeġ kbar. Bil-figura kemmxejn inklinata, mdawra bi sħab voluminuż b'moviment ċirkulari, l-artist irnexxielu joħloq l-impressjoni li Hija qed tistenna l-mument li tiltaqà ma' binha fis-sema. Fi sfond ċar, li jnissel ċertu serenità fil-kwadru, naraw diversi puttini jduru f'moviment ċirkolari mas-sħab bħal qishom qed jagħtu merħba lil Marija fis-sema. B'hekk ukoll l-artist irnexxielu joħloq bilanċ fil-kompożizzjoni tiegħu. F'dan l-isfond dehbieni, insibu ċertu ħlewwa idejallizzata kemm fl-uċuħ tal-puttini kif ukoll f'dak tal-Madonna.

Il-libsa ta' lewn ħamrani tal-Madonna tidher tikkuntrasta tajjeb mal-mantell blu li flimkien mal-velu bajdani jidhru qed jittajru mar-riħ b'mod li joħloq moviment fil-kwadru, u li jenfasizza l-figura tal-Madonna tiela' s-sema. Ikompli jsaħħaħ dan, huwa l-ward abjad u roża li qed jinxteħtu l-isfel minn wieħed mill-puttini li jinsab fuq naħa leminija tal-Madonna. Dan il-ward abjad u roża jissimbolizza l-imħabba/l-għaqda nfinita li ma tmut qatt – la bi ż-żmien u anqas bil-mewt. Diversi artisti fir-Rinaxximent kienu jużaw dan is-simbolu sabiex jirrappreżentaw l-imħabba nfinita u mmortali ta' bejn il-Madonna u binha Ġesù. Ta' min iżid, li fil-parti x-xellugija t'isfel tal-kwadru jidher ukoll il-qabar miftuħ.

Dan il-kwadru tal-Assunta għandu kuluri u tonalitajiet simili għal kwadru ieħor, dak tal-Kunċizzjoni li jinsab fuq il-lemin tal-entratura fost il-kwadri laterali u li tkellimna dwaru fil-ħarġa preċedenti. Dawn jikkumplimentaw tajjeb lil xulxin. Fit-tnejn insibu tonalitajiet ċari u luċidi tal-ġmiel tas-sema kif ukoll atmosfera kalma li Calì rnexxielu joħloq permezz tal-espressjonijiet tal-figuri.

Nistgħu ngħidu li dan il-kwadru tal-Assunta, barra li huwa xiehda tal-kwalitajiet artistiċi ta' Calì, huwa wieħed fost id-diversi oħrajn ta' dan l-istess artist li nsibu fil-Knisja l-Qadima. Dan ifisser li għandna għaliex nkunu kburin bil-wirt artistiku li ħallewlna missirijietna, fejn xi drabi sofrew sabiex mill-ftit ġid li kellhom irnexxielhom iżejnu t-tempji t'Alla li aħna għadna nistgħu ngawduhom sal-lum.


- Buhagiar M. (1987).*The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 paintings.* Progress Press Co.
- Murray P & L. (1996). *Oxford Dictionary of Christian Art.* Oxford University Press.
- Zerafa, Kan.Ġ. (1989). *Ġrajjiet il-Paroċċa t'Għajnsielem.*



